MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 131/2008

**Mario Briffa**

**vs**

**Angelo Tanti**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ipprometta illi:

1. Il-konvenut huwa cert, likwidu u veru debitur tar-rikorrent stante li naqas milli jhallas lill-istess attur l-ammont ta` tnax-il elf, tmien mija u hmistax-il ewro (€12,815) rapprezentanti l-prezz ta` vettura bin-numru ta` registrazzjoni CAI 378 tal-marka u mudell Coles Crane, illi l-attur biegh u trasferixxa lill-konvenut.

2. Il-kontendenti iffirmaw dan it-trasferiment tal-vettura quddiem ir-rapprezentant tal-assigurazzjoni Cutajar Insurance Sub Agent ta` Triq il-Barrani, Bir id-Deheb.

3. Il-konvenut ghandu fil-pussess tieghu u qieghed jahdem bl-istess crane.

4. Il-kreditu li jammonta ghal tnax-il elf, tmien mija u hmistax-il ewro (€12,815) huwa cert, likwidu u dovut.

5. Il-konvenut intimat, nonostante interpellat diversi drabi u nonostante li accetta li jhallas lir-rikorrenti l-prezz minnu dovut, baqa` inadempjenti.

6. Fil-fehma tar-rikorrent esponent, il-konvenut intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni x`jissoleva kontra t-talbiet ta` l-istess rikorrent esponent.

7. L-esponent jaf personalment b`dawn il-fatti kollha.

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut intimat Angelo Tanti debitur favur ir-rikorrent esponent ghas-somma ta` tnax-il elf, tmien mija u hmistax-il ewro (€12,815);

2. Tikkundanna lill-konvenut intimat ihallas lir-rikorrent esponent is-somma ta` tnax-il elf, tmien mija u hmistax-il ewro (€12,815);

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` dan ir-rikors, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt biex jidher in subizzjoni.

Rat l-affidavit ta` l-attur u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa` kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa` t-talba ta` l-attur kif dedotta fir-rikors, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------